MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**ID-DISA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 4

30 ta' Settembru 2024

Minuti tas-seduta Nru. 4 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 30 ta' Settembru 2024 fil-5:30 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet. Ir-*recording* tagħha jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku.

1.1. **Minuti -**

1.2. Il-Kunsillier E. Bartolo ġibed l-attenzjoni għall-minuta 5.3.2. **(Ref: T/4/1/Vol IV)** tat-Tieni Parti tas-seduta preċedenti u talab li din tinqara kif ġej:

*"5.3.2. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li Pjazza Thomas Spratt tista' tissemma' għal Joseph Borg mingħajr ma jiġu affettwati ebda ndirizzi. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li l-ġnien li hemm fi Pjazza Thomas Spratt diġa għandu l-isem ta' Ġnien l-Għoljiet. Is-Segretarju Eżekuttiv semma Wesgħat in-Narċis, fejn hemm ftit indirizzi, filwaqt li din it-triq tinsab qrib il-post fejn kien joqgħod.".*

1.3. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar aċċennat għall-minuta 5.40.2. u 5.40.3. **(Ref: A/5/3/Vol XIII)** tat-Tieni Parti tas-seduta preċedenti, u talbet li dawn jiġu emendati kif ġej:

*"5.40.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li nkiseb mingħajr ħlas tagħmir tal-arja kkundizzjonata sabiex jitpoġġa fil-kamra fejn jinżammu temporanjament qtates trattati, parti mill-kumpless tal-irziezet imsemmija.*

*5.40.3. Is-Sindku G. Micallef qal li dan it-tagħmir huwa portabbli.".*

1.4. Il-minuti tal-Ewwel u t-Tieni Parti tas-seduta preċedenti ġew approvati bl-emendi t'hawn fuq.

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Servizzi mogħtija mill-*Malta Rangers Unit* (W/3/Vol XI)

2.1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għall-minuta 5.25.1. tat-Tieni Parti tas-seduta preċedenti dwar is-servizzi li potenzjalment jistgħu jingħataw f'żoni urbani mill-Malta Rangers Unit. Huwa għarraf li saret rappreżentazzjoni mad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali dwar l-akkwist tal-istess servizzi, billi ser ikunu fuq bażi regolari.

2.1.2. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.2.1. Sistema ta' *one-way* fi Triq il-Manikata (T/3/2/Vol VII)

2.2.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-minuta 5.29.1. tas-seduta ta' qabel u ppropona li kemm-il darba Transport Malta japprovaw l-*one-way* ta' Triq il-Manikata, it-tabelli tal-*cul-de-sac* eżistenti fi Triq il-Mejjiesa, kantuniera ma' Triq il-Knisja l-Qadima, għandhom jinbidlu ma' oħrajn *NO ENTRY*. Din tirriżulta billi huwa diffiċli li wieħed imur kontra fluss kontinwu ta' vetturi ġejjin mid-direzzjoni opposta. Huwa ndika li min ikun irid imur fil-parti ta' ġewwa ta' Triq il-Mejjiesa jista' jgħaddi minn Triq il-Fuħħar.

2.2.3. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ġibdet l-attenzjoni li l-*junction* ta' Triq il-Fuħħar ma' Triq il-Mejjiesa u Trejqet il-Ħarrub hija perikoluża, jekk ma tiġix modifikata.

2.2.4. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jinkiseb il-parir ta' Transport Malta.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijieġt tal-Kunsillieri

### 3.1.1. Projbizzjoni ta' ipparkjar fi Triq id-Deru (T/3/2/Vol XVII)

3.1.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar staqsiet dwar jekk kienx hemm żviluppi minn naħa ta' Transport Malta rigward is-suġġett, minħabba li l-problemi ta' aċċess qed jiżdiedu, partikularment fil-ġbir tal-iskart.

3.1.3. Is-Sindku G. Micallef wieġeb li skont ittra datata 18 ta' Settembru 2024, ġie approvata linja safra fuq kull naħa ta' triq, wara li din kienet ilha tintalab minn Settembru 2020. Ix-xogħol ġie ordnat lill-kuntrattur konċernat.

### 3.2.1. Tiswija ta' Triq il-Qammieħ (P/10/27)

3.2.2. Il-Kunsilliera C. Castillo aċċennat li l-parti ta' ġewwa ta' Triq il-Qammieħ kienet issewwiet bit-terrapien u staqsiet jekk din hijiex ser tingħata wiċċ.

3.2.3. Is-Sindku G. Micallef wieġeb li l-parti tat-triq indikata ddaħħlet fil-lista ta' toroq rurali li sabiex jingħataw il-konkos, permezz ta' finanzjament taħt l-*Intervension* 73.3 tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali. Jidher li l-applikazzjoni relattiva qed tiġi trattata b'mod pożittiv.

3.2.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.3.1. *Skateboard ramp* fil-Park tal-Familja (P/4/6/Vol VI

2.3.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin staqsiet dwar jekk hemmx problema biex titneħħa l-i*skateboard ramp* li tinsab imdawwra bil-*hoarding* fil-Park tal-Familja.

2.3.3. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li din ma tneħħietx peress li hemm kawża pendenti fil-Qorti.

2.3.4. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li s'issa kien hemm biss korrispondenza bejn l-avukat ta' ġenitur li rrapporta illi ibnu weġġa' fuq ir-rampa, il-konsulent legali tal-Kunsill u l-kumpanija tal-assikurazzjoni li tkopri lill-Kunsill. L-inċident li ġara fis-16 ta' Ġunju 2023, intant, fuq parir tal-konsulent legali ġie deċiż li din titneħħa u fil-fatt saret ordni lid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi għal dan il-għan kmieni f'Ġunju 2024.

## 4.0. Tqegħid ta' karti

- Skeda dwar Akkwist ta' Servizzi u Materjal – 27/09/24;
- Skeda ta' Pagamenti – 03/08/24 – 27/09/24;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 05/07/24 – 09/08/24;
- Skeda ta' Infied permezz tal-*Petty Cash* – 10/08/24 – 27/09/24;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Skema Vjal Kulħadd (T/3/6)

5.1.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li fit-18 ta' Settembru 2024 huwa attenda għat-tnedija tal-iskema msemmija li kienet organizzata minn Infrastructure Malta. Huwa spjega li l-iskema hija ntiża sabiex jiġu ntrodotti żona pedonali, kif ukoll ikun hemm aktar sigurtà f'toroq residenzjali bi tnaqqis fil-veloċità tal-vetturi, permezz ta' interventi infrastrutturali.

5.1.3. Is-Sur C. Debono qal li din l-iskema anke għandha tittieħed bħala opportunità biex l-idejat li kienu ġew inklużi fir-rapport ta' SLOW STREETS jiġu mwettqa. Dan billi jiġu sottomessi lill-aġenzija Infrastructure Malta għall-approvazzjoni u possibilment implimentati minn fondi allokati lill-istess aġenzija. Kien spjegat ukoll li, kemm-il darba proġett jiġi approvat, il-Kunsill ikun obbligat li jiftaħ konsultazzjoni pubblika dwar l-għanijiet tal-miżuri proposti

5.1.4. Sar aċċenn li Triq il-Qortin kienet inkluża fir-rapport imsemmi, filwaqt li ġiet diskussa diversi drabi waqt seduti tal-Kunsill f'dak li jirrigwarda t-tip ta' miżuri li għandhom jiġu ntrodotti biex titnaqqas il-veloċità tal-vetturi. Kien propost ukoll li Triq Selmun għandha tiġi nkluża b'tali modd li m/3a xxekkilx l-introduzzjoni tal-*interchange* tal-karozzi tal-linja aktar 'il quddiem.

5.1.5. Il-Kunsill qabel maż-żewġ proposti mressqa. Kien hemm qbil ukoll li għandha tintalab konsulenza mid-ditta tal-periti Studjurban, li kienu ġew inkarigati mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali sabiex jassistu lil-lokalitajiet fit-tfassil tar-rapport SLOW STREETS. Din l-għażla saret ukoll billi ż-żmien allokat għas-sottomissjonijiet huwa qasir ħafna.

5.1.6. Kien hemm qbil ukoll dwar l-impenn tal-Kunsill li għandha ssir konsultazzjoni mar-residenti, kemm-il darba l-proposti jiġu aċċettati mill-aġenzija Infrastructure Malta, fi żmien erba' ġimgħat mill-komunikazzjoni tar-riżultati.

### 5.2.1. Skema SPI/SCI/7/2024 – Manutenzjoni Minuri f'Binjiet Pubblici (F/1/7/Vol IX)

5.2.2. Saret referenza għal imejl mibgħut mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali tat-12 ta' Settembru 2024 dwar l-iskema msemmija, li permezz tagħha saret sejħa għal espressjoni ta' interess dwar servizz ta' manutenzjoni minuri f'binjiet pubbliċi. L-iskema tagħlaq fit-18 ta' Ottubru 2024.

5.2.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono ppropona li ssir manutenzjoni fl-uffiċċju amministrattiv f'dak li jirrigwarda l-aperturi tal-injam kollha li hemm fuq il-faċċati li jħarsu fuq Triq il-Madonna ta' Fatima u fuq Triq il-Mitħna l-Ġdida.

5.2.4. Il-Kunsillier E. Bartolo aċċenna għall-ħtieġa li jsir ukoll t-tibjid tal-faċċata li tiġi fuq Triq il-Parroċċa u Triq il-Madonna ta' Fatima, fil-parti li mhijiex fuq il-fil.

5.2.5. Il-Kunsill approva l-proposta mressqa skont il-minuti 5.2.3. u 5.2.4. aktar 'l fuq.

**5.3.1. Progress fuq il-bini mill-ġdid tal-Mellieħa Bay Hotel (P/5/8/G)**

5.3.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono għarraf li fl-10 ta' Settembru 2024, huwa flimkien mas-Sindku G. Micallef ltaqgħu mas-Sinjuri Brian Mizzi u Josef Formosa Gauci mill-*management* tal-imsemmija lukanda, fejn ġie spjegat il-progress li kien hemm fuq il-proġett imsemmi.

5.3.3. Intqal li l-blat fejn ser tinbena l-lukanda rriżulta li mhuwiex stabbli u allura kellu jinqata' aktar blat u tinbena struttura permezz ta' *piles* tal-konkos. Dan il-fattur ser inaqqas l-għoli tal-binjiet kif approvati fil-permess ser jaffettwa l-binja intiera, filwaqt li l-*building envelope* ser jibqa' l-istess. Inqal ukoll li l-blat artab u turbazz li nstab, naqqas ħafna l-użu tal-martell u l-ħsejjes li dan jiġġenera. It-terrapien qed jitkisser fuq il-post, sabiex b'hekk joqgħod aktar volum fit-trakkijiet li jissarraf f'anqas traġitt fit-toroq. Intqal li t-terrapien qed jintrema fil-barriera ta' A. Vella Borg & Sons Ltd fi Triq il-Mellieħa.

5.3.4. Kien spjegat li l-iskavar mistenni li jkun konkluż f'Ottubru 2024, u eżattament wara tibda l-kostruzzjoni. Fil-laqgħa ġiet imtennija t-talba sabiex il-Kunsill jikkonċedi l-ħruġ mis-sit tal-kostruzzjoni mill-parkeġġ tal-Għadira. Huwa ppjanat li l-lukanda tibda topera fl-ewwel kwart tas-sena 2027.

5.3.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti filwaqt li tenna r-rifjut tiegħu li l-parkeġġ tal-Għadira jintuża bħala ħruġ għat-trakkijiet li jġorru t-terrapien u materjal ieħor.

**5.4.1. PA 7247/23 – Bini ta' lukanda ta' 3 stilel fi Triq Ġorġ Borg Olivier u Triq Mons. Mose' Debono (P/5/8/G)**

5.4.2. Saret referenza għal imejl datat 9 ta' Settembru 2024 fejn s-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali għarrfet li saritilha proposta sabiex tiġi kkonservata il-faċċata tal-binja fejn kien hemm il-fergħa tal-HSBC bank. Dan peress li din hija waħda minn serje' ta' binjiet iddisinjati mill-Perit Richard England fi żmien meta kien jopera l-Barclays Bank fis-snin sittin. Ingħad li dawn huma fuq stil modernista internazzjonali bi sfumaturi mediterranji vernakulari Malti, li għandu jiġi konservat.

5.4.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-kunsiderazzjoni msemmija għandha taqa' fid-dawl tad-dikjarazzjoni li għamel l-istess Perit England, li anke ġew irrappurtati fil-media.

**5.5.1. Proġett tal-Iskola Primarja u rilokazzjoni tat-tfal (S/3/1/1)**

5.5.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li fit-18 ta' Settembru 2024 saret laqgħa mal-Prinċipal tal-Kulleġġ Maria Regina Patrick Decelis, il-Kap Eżekuttiv tal-Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada Neville Young u l-Perit Nick Inguanez. Għan-naħa tal-Kunsill attendew is-Sindku G. Micallef, il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri, u l-Kunsillieri J. Buttigieg, C. Castillo, L. Darmanin, u K. Buttigieg (virtwalment), u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono.

5.5.3. Is-Sergretarju Eżekuttiv qal li fil-laqgħa saret referenza għall-permess PA 2255/18 li jinvolvi parkeġġ fuq żewġ sulari li jakkomodaw 100 vettura taħt il-livell ta' Triq il-Mitħna l-Ġdida. L-istess permess jkopri wkoll klassijiet u uffiċini fuq Triq Sant' Elena u Triq Napuljun Caruana Dingli. Kien spjegat li l-FTS ser tkompli bil-pjanijiet tagħha skont dak il-permess. Attwalment qed issir l-evalwazzjoni tal-offerti dwar it-tqattigħ tal-blat skont il-permess PA 2255/18, filwaqt li s-sejħa għall-offerti dwar il-bini mistennija li toħroġ fl-aħħar kwart tal-2024.

5.5.4. Kien spjegat ukoll li l-laqgħa msemmija ntalbet sabiex jiġi diskuss il-kunċett dwar il-bini mill-ġdid tal-binja eżistenti tal-iskola. Irriżulta li mhux vijabbli li din tiġi estiża, peress li strutturalment ma tippermettix li jinbena sular ieħor fuqha. Raġuni oħra hi li l-klassijiet huwa żgħar skont l-i*standards* attwali. Din il-binja ser tkun tinkludi parkeġġ ta' żewġ sulari taħt il-livell tat-triq li jista' jakkomoda 100 vettura, u tliet sulari ta' klassijiet iħarsu fuq it-triq, u oħrajn iħarsu fuq il-bitħa b'kuridur bejnithom. Il-proġett jinkludi wkoll il-bini mill-ġdid tas-sala u b'kollox ser ikun jinvolvi medda ta' 10,900 metru kwadru. Ittieħdet in konsiderazzjoni

ż-żieda fil-popolazzjoni u fatturi demografiċi marbuta mal-imigrazzjoni, flimkien marż-żieda ta' residenti Maltin ġejjin minn lokalitajiet oħra.

5.5.5. Kien spjegat li dan il-proġett jieħu madwar sentejn u għal raġunijiet ta' saħħa u siġurtà jeħtieġ li t-tfal jiġu rilokati għall-post ieħor fil-Mellieħa stess. Qed jiġi ndikat il-Park tal-Familja għal dan il-għan, fejn huwa kkalkulat li jistgħu jinġiebu tmintax il-klassi mobbli bl-attrezzati meħtieġa.

5.5.6. Is-Sindku G. Micallef aċċenna li l-Kunsill għandu l-approvazzjoni ta' Transport Malta sabiex jagħlaq Triq Ġuże' Flores, bejn Triq Toni Pace u Triq Pietru Pawl Caruana, u għalhekk ikun jagħmel sens li sitt klassijiet jitpoġġew f'din il-parti tat-triq sabiex kemm jista' ikun ma jiġux affettwati l-faċilitajiet eżistenti fil-Park tal-Familja. Sar aċċenn wkoll għax-xogħol li huwa minn naħa tal-Kunsill fuq il-*multi-purpose court* u għalhekk m'għandu jkun hemm ebda klassijiet eżatt miegħu, anke sabiex ma jingħalaqx l-aċċess għad-*dressing rooms* u l-latrina pubblika li hemm taħtu.

5.5.7. Saret referenza wkoll għal-liberija pubblika u l-ħtieġa li din tibqa' tintuża sakemm ikun għaddej il-proġett. Dr N. Young ippropona li din tiġi trasferita temporanjament f'*mobile home* li titpoġġa qrib l-iskola.

5.5.8. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.5.1. PA 5831/24 – Tqegħid ta' pjattaforma – 120, Triq il-Kbira (T/4/10/Vol III)

5.5.2. Kien spjegat li t-talba tinvolvi t-tqegħid ta' pjattaforma temporanja fil-*layby* biex takkomoda mwejjed u siġġijiet quddiem il-istabbiliment "Da Mello" fl-indirizz imsemmi.

5.5.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li minkejja t-talba *prima facie* hija konformi mal-*Policy* P8 tal-*Guidelines on Outdoor Catering Areas on Public Open Spaces*, il-Kunsill iddeċieda li jissottometti l-oġġezzjoni tiegħu għar-raġunijiet li ġejjin:

(a) L-ispazju għall-parkeġġ jitnaqqas għad-detriment ta' negozju oħra li jinsabu fl-istess żona; u

(b) Il-fattur tas-sigurtà, minħabba l-viċinanza ta' fluss qawwi ta' traffiku, peress li Triq il-Kbira hija waħda ewlenija.

### 5.6.1. Tismija ta' wesgħa bejn Triq il-Muna, Triq Santa Marija u Triq il-Kappillan Magri (T/4/1/Vol IV)

5.6.2. Saret referenza għall-imejl datat 3 ta' Settembru 2024 mill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq, fejn għarrfu li ddiskutew problema fin-numerar ta' bibien fi Triq Santa Marija, peress li hemm numru ta' emendi li hemm bżonn isiru fiha. Aċċennaw ukoll li fil-bidu tat-triq hemm xi residenzi fil-wesgħa msemmija li kienu jużaw dan l-isem ta' triq ukoll. Sabiex tiġi rranġata din l-anomalija, il-Kumitat talab lill-Kunsill biex il-wesgħa fejn jiltaqgħu Triq il-Muna, Triq Santa Marija u Triq il-Kappillan Magri jkollha isem għaliha u b'hekk l-eżerċizzju ġdid ta' numerar ta' bibien fi Triq Santa Marija jkun jista' jibda mill-kantuniera ma' Triq il-Kappillan Magri sal-kuntiera ma' Triq San Ġorġ.

5.6.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li mhemmx il-ħtieġa li jiżdied isem ġdid għall-wesgħa in kwistjoni, peress li din għandha tiġi kkunsidrata bħala estesjoni ta' Triq il-Muna, u ta' Triq Santa Marija. Iż-żewġ bibien li hemm faċċata ta' xulxin għandhom imorru ma' Triq il-Muna u Triq Santa Marija. Fir-rigward ta' Triq il-Kappillan Magri u Triq il-Mitħna l-Ġdida, m'għandux ikun hemm problema lanqas, għaliex il-pożizzjoni tal-bibien eżistenti turi biċ-ċar li għandhom jibqgħu jappartjienu lil dawn it-toroq.

### 5.7.1. Trasferiment tal-*bring-in site* minn Triq Ta' Fuq il-Miġduma (K/6/10/Vol IV)

5.7.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri ssuġġerixxa li l-*bring-in site* imsemmija tiġi trasferita għall-Triq il-Mellieħa f'Tat-Tomna bil-għan li ma tibqax qrib ir-resident.

5.7.3. Il-Kunsillier J. Cauchi kkummenta li minħabba l-*bring-in site* u l-faċilità tal-BRCS qed ikun hemm nies li jirrifjutaw li jikru jew jixtru proprjetà fil-blokka li tiġi biswit Triq Ta' Fuq il-Miġduma minħabba l-ħsejjes u l-irwejjaħ li jiġu ġġenerati, partikularment meta jitbattlu d-*domes*. Huwa ssuġġerixxa li din tiġi trasferita għal Selmun.

5.7.4. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal illi l-faċilitajiet li hemm fi Triq Ta' Fuq il-Migduma kienu hemm qabel ġiet żviluppata l-blokka li hemm fuq in-naħa l-oħra tat-triq. Għalkemm huwa minnu li kien hemm waħda li tneħħiet minn Triq Edward Camilleri minħabba l-abbużi li kienu jsiru. Huwa aċċenna wkoll li meta jkunu f'postijiet bogħod mill-abitat, hemm tendenza li jinħarqu bħalma ġara fl-Armier iż-Żgħir.

5.7.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li tali faċilitajiet m'għandhomx jittieħdu f'postijiet li huma maqtugħin ħafna mill-abitat għaliex ma jkunx hemm kontroll, kif ġara fil-passat. Apparti l-*bring-in site* ta' Triq Edward Camilleri, kien hemm kien hemm oħrajn fi Triq l-Etna, u f'Dawret it-Tunnara li kellhom jitneħħew. Għal din ir-raġuni l-Kunsill kien kostrett li jipprovdi faċilità waħda biex tagħmel tajjeb għal dawk li kellhom jitneħħew. Huwa kompla jgħid li l-*bring-in site* għandha tibqa' fejn hija, iżda tiġi trasferita taħt l-art fl-istess post.

5.7.6. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li huwa jaqbel li l-bring-in site fi Triq Ta' Fuq il-Migduma, tiġi trasferita għal taħt l-art.

5.7.7. Il-Kunsilliera L. Darmanin ġibdet l-attenzjoni li f'Tat-Tomna wieħed bilfors jagħmel użu minn vettura, filwaqt li fejn hemm il-faċilità eżistenti jmorru ħafna nies bil-mixi. Hija qalet li Tat-Tomna huwa iktar addattat biex issir *civic amenity site* li tkun ikkontrollata minn uffiċjali tal-Wasteserv, billi l-iskart li jittieħed f'tali faċilità ikun irid jinġarr f'vettura.

5.7.8. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li fil-faċilità eżistenti sar ċertu nvestiment kemm mill-Kunsill f'dawk li huwa CCTV cameras, kif ukoll mill-BCRS, li lkoll huma koperti bil-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar.

### 5.8.1. Pjanta invażiva li qed fl-inħawi tal-Għajn tal-Mellieħa fi Triq il-Marfa (A/3/Vol IV)

5.8.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri aċċenna li ġiet innutata pjanta invażiva illi qed tinfirex fil-post imsemmi b'rata mgħaġġla.

5.8.3. Il-Kunsill qabel li għandu jinkiseb il-parir tal-Awtorità tar-Riżorsi u l-Ambjent dwar x'jista' isir biex il-pjanta msemmija tiġi kkontrollata.

### 5.9.1. Kampanja dwar is-Saħħa Mentali (K/11)

5.9.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri ppropona li l-Kunsill jissieħed fil-kampanja msemmija mal-Assoċjazzjoni tas-Saħħa Mentali. Dan billi jintrama stand fuq iz-zuntier f'Misraħ il-Parroċċa nhar il-Ħadd 6 ta' Settembru 2024, fejn ikun jista' jingħata tagħrif fuq is-suġġett. Hu ssuġġerixxa li ssir taħdita fl-10 ta' Ottubru fis-Sala tal-Kunsill, fejn membri tal-assoċjazzjoni jitkellmu dwar is-sapport li għandu jingħata lill-persuna li jkunu għaddejjin minn problemi ta' saħħa mentali. Kien propost ukoll li fid-19 ta' Ottubru ssir sessjoni ta' yoga fl-Għadira. Is-Sur M. Borg Cuschieri aċċenna wkoll li l-involviment tal-assoċjazzjoni jinvolvi nefqa ta' €150, filwaqt li għas-sessjoni tal-yoga hemm spiża ta' €50.

5.9.3. Il-Kunsilliera L. Darmanin ipproponiet li bejn is-7 u l-10 ta' Ottubru 2024 ikun hemm mixgħela tar-*roundabout* ta' Selmun b'dawl aħdar biex tfakkar f'dan l-avveniment.

5.9.4. Il-Kunsill innota u approva l-attivitajiet imsemmija fil-minuta preċedenti.

**5.10.1. Jum Dinji tal-Annimali** **(K/11)**

5.10.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar aċċennat li l-Jum Dinji tal-Annimali ser ikun fl-4 ta' Ottubru 2024. Għal din l-okkażjoni, it-tfal tal-Iskola Primarja ntalbu jġibu ikel għall-klieb u l-qtates li ser jiġu mgħoddija lil Noah's Arch Animal Sanctuary. Hija appellat sabiex il-Kunsill inkun parti minn din l-inizjattiva.

5.10.3. Il-Kunsill qabel li jikkontribwixxi b'għotja ta' ikel sa nefqa massima ta' €150.

**5.11.1. Ftehim dwar l-introduzzjoni ta' *School Grannies*** **(S/3/2)**

5.11.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li fit-30 ta' Settembru 2024 ġie mġedded il-ftehim bejn il-Kunsill u Departiment tal-Anzjanità Attiva dwar is-servizz mogħti mill-ischool grannies matul is-sena skolastika 2024-25. Hija qalet li s-servizz ser jingħata mill-istess żewġ persuni nvoluti fil-ftehim preċedenti.

5.11.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.12.1. Attivitajiet għall-anzjani** **(A/1/1/Vol II)**

5.12.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin aċċennat li Jum l-Anzjan jaħbat fit-3 ta' Ottubru 2024 u ppropniet li dakinhar jitqassmu xi ikel lill-anzjani residenti f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa. Fl-istess okkażjoni wkoll tista' tiġi ppreżentata l-*projecto*r pprovduta mill-Kunsill, sabiex tintuża fiċ-Ċentru Anzjanità Attiva.

5.12.3. Is-Sinjura Darmanin qalet fl-10 ta' Novembru 2024, tiġi ċċelebrata l-Festa ta' San Martin u għal din l-okkażjoni ħa ssir Quddiesa f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa u eżattament wara ser ikun hemm it-tberik tal-annimali li jġibu t-tfal, kif ukoll ser ikun hemm il-banda tal-Mellieħa Scout Group. Hija appellat sabiex il-Kunsill jikkontribwixxi billi jipprovdi l-attrezzi meħtieġa, kif ukoll id-divertiment.

5.12.4. Il-Kunsill innota u approva l-inizjattivi proposti fil-minuti preċedenti.

**5.13.1. Laqgħa mal-Kap tal-Iskola u l-Librar tal-Librerija Pubblika**
**(S/3/3)(L/4/Vol III)**

5.13.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin ipproponiet li ssir laqgħa mal-Kap tal-Iskola Primarja sabiex jiġu identifikati oqsma li jista' ikun hemm koperazzjoni bejn iż-żewġ naħat. Laqgħa simili ntalbet mal-librar responsabbli mill-Liberija Pubblika tal-Mellieħa.

5.13.3. Is-Sindku G. Micallef qal li d-Dipartiment tal-Librerija nieda inizjattiva fejn kull librerija lokali jkollha kollezzjoni ta' pubblikazzjonijiet li jsiru mill-għaqdiet u awturi tal-post. Għal dan il-għan ser issir laqgħa mad-diriġenti tal-istess dipartiment.

5.13.4. Il-Kunsill innota u approva l-inizjattivi proposti.

**5.14.1. Aċċess bil-vetturi fi Triq il-Parroċċa** **(T/3/2/Vol XVII)**

5.14.2. Il-Kunsilliera C. Castillo ġibdet l-attenzjoni li fi Triq il-Parroċċa huwa diffiċli li wieħed jgħaddi b'vettura ta' daqs normali meta jkun hemm vetturi oħra ta' ċertu daqs pparkjati. Hija aċċennat ukoll għal każ fejn persuna li riedet tittieħed l-isptar kellha tinġarr għat-triq ta' fuq biex tittieħed fl-ambulanza. Hija qalet li l-problema tkun ikbar fejn saru l-barrikati fuq il-bankini, biex jipproteġu l-bini.

5.14.3. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li Kunsill preċedenti kien iddeċieda li jbaxxi l-għoli tal-barriers biex ma jintlaqtux il-mirja tal-vetturi.

5.14.4. Il-Kunsill talab lill-Kunsilliera Castillo sabiex tagħti aktar dettalji ħalli possibilment tinstab soluzzjoni.

**5.15.1. Tabelli dwar l-ibies modest fit-toroq (C/6/Vol IX)**

5.15.2. Il-Kunsilliera C. Castillo appellat sabiex jitwaħħlu t-tabelli msemmija peress li qed jiġu osservati persuni, partikularment turisti, li jimxu fit-toroq bl-ilbies tal-baħar fil-qalba tal-lokalità. Hija qalet ukoll li anke jistgħu jsiru *stickers* sabiex jitqassmu fi stabbilimenti kummerċjali.

5.15.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

**5.16.1. Periklu fi Triq l-Erwieħ k/m Triq Salvinu Vella u k/m Triq is-Santwarju (T/3/2/Vol XVII)**

5.16.2. Il-Kunsilliera C. Castillo ġibdet l-attenzjoni għall-periklu li jeżisti fil-post imsemmi minħabba nuqqas ta' viżibiltà kemm mil-lat tas-sewwieqa kif ukoll minn naħa tan-nies miexjin.

5.16.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li huwa għandu proposta dwar l-post in kwistjoni li jixtieq iressaqha u jispjegaha fis-seduta li jmiss, biex possibilment tiġi sottomessa għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

**5.17.1. Klabb tal-mixi (A/5/3/Vol VIII**

5.15.4. Il-Kunsilliera C. Castillo pproponiet li jkun hemm mixjiet organizzati li jeħħu f'jiem partikulari għal nies ta' diversi etajiet, biex b'hekk jiġi nkoraġġit l-eżerċiżżju fiżiku, bħalma jsiru f'lokalitajiet oħra.

5.17.2. Il-Kunsill qabel mal-proporta.

**5.18.1. Tiġdid tas-servizz tal-ilma u d-drenaġġ fil-qalba tal-Mellieħa (W/2/Vol II)**

5.18.2. Il-Kunsillier E. Bartolo għarraf li fl-20 ta' Awwissu 2024 saret laqgħa maċ-Chief Operations Officer tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma dwar bdil tal-mains tal-ilma tax-xorb u drenaġġ li jinvolvi t-toroq ewlenin bejn Triq l-Etna sa Dawret it-Tunnara, kif ukoll Triq l-Erwieħ. Għall-istess laqgħa attendew uffiċjali tekniċi mill-istess korporazzjoni, kif ukoll is-Sindku G. Micallef u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono.

5.18.3. Is-Sur Bartolo qal li dan il-proġett estensiv mistenni li jinbeda fl-aħħar kwart tal-2025 u ser jinvolvi l-għeluq ta' partijiet differenti tat-toroq ewlenin li jitlob ukoll l-għeluq ta' l-istess toroq u li allura jaffettwa s-servizzi tal-karozzi tal-linja. Ġie ndikat li biex jitnaqqas l-inkonvenjent għandu jkun hemm żewġ servizzi ta' *minibus shuttle,* peress li karozzi tal-linja jkollhom jgħaddu minn Dawret il-Mellieħa u jidħlu fi Triq Edward Camilleri.

5.18.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.18.1. Introduzzjoni ta' *pedestrian crossings* fil-Manikata (T/3/2/Vol XVII)**

5.18.2. Il-Kunsillier E. Bartolo għarraf li fis-27 ta' Settembru 2024 saret laqgħa fuq il-post dwar l-implimentazzjoni tal-erba' *pedestrian crossing* approvati, kif ukoll sar kuntatt mar-residenti konċernati fi Triq il-Mejjiesa u Triq il-Knisja l-Qadima, fejn instab kompromess dwar il-post eżatt fejn dawn għandhom isiru. Dwar il-*pedestrian crossing* ta' Misraħ il-Parroċċa ntwerew riżervi dwar il-post indikat minn Transport Malta u għaldaqstant ser issir pressjoni sabiex din il-*crossing* tiġi aktar qrib il-bieb ewlieni tal-knisja. Għal din il-laqgħa kien hemm preżenti wkoll is-Sindku G. Micallef, il-Kunsillier E. Bartolo, is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono, rappreżentanti mill-Assoċjazzjoni tar-Residenti tal-Manikata, u l-kuntrattur tal-Kunsill.

5.18.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

**5.19.1. *Container* fil-parkeġġ tal-Bajja tal-Mixquqa** **(T/3/2/Vol XVII)**

5.19.2. Il-Kunsillier E. Bartolo għarraf li l-aċċess għar-ramla huwa imxekkel minn container żgħir li jeħtieġ jitneħħa u minfloku jsir *hatching* biż-żebgħa mal-art u titwaħħal tabelli *"No Entry – Except for Emergency Vehicles*".

5.19.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni proposta.

**5.20.1. Xogħlijiet tan-*new water* mill-Korporazzjoni tal-Ilma** **(C/6/Vol IX)**

5.20.2. Il-Kunsillier E. Bartolo għarraf li attwalment ix-xogħlijiet fi Triq il-Fortizza ta' Campbell huma weqfin minħabba monitoraġġ li għaddej mis-Sovrintendenteza tal-Patrimonju Kulturali. Ix-xogħol fuq Triq it-Torri t'Għajn Ħadid baqa' għaddej.

5.20.3. Is-Sindku G. Micallef qal li l-kuntrattur li qed jaħdem fuq it-Triq Ta' Għajn Ħadid talab sabiex temporanjament jiddepożita terrappien qrib l-lukanda ta' Selmun. Huwa ta l-kunsens tiegħu biex dan isir.

5.20.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg aċċenna li l-kuntrattur qed iwitti terrapien li jibqalu żejjed fil-ġenb ta' Triq it-Torri Ta' Għajn Ħadid.

5.20.5. Il-Kunsillier E. Bartolo ħa nota tal-kumment skont il-minuta 5.20.4. aktar 'il fuq.

5.20.6. Is-Sindku għarraf li x-xogħol li għaddej fit-triq tal-Miżieb qabad ritmu tajjeb, filwaqt li t-triq qed tinfetaħ u tingħalaq skont il-ħtieġa.

5.20.7. Dwar it-trinka li saret fi Triq il-Biedja xhur qabel, is-Sur G. Micallef qal li qed issir pressjoni fuq il-Korporazzjoni sabiex din ma titħallhiex fuq il-lean mix u tissewwa bl-asfalt biex jiġu eliminati il-ħofor perikolużi li ffurmaw f'partijiet minnha.

5.20.8. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.21.1. Awditjar tat-toroq u postijiet pubbliċi oħra** **(P/9/4)**

5.21.2. Il-Kunsillier E. Bartolo ppropona li flimkien mal-Pulizija tal-Komunità isiru rapporti perjodi dwar l-istat tat-toroq u postijiet pubbliċi oħra, f'dak li jirrigwarda, il-wiċċ tat-triq, *culverts* tal-ilma tax-xita, lampi tat-toroq, tabelli u sinjali tat-traffiku, għamara tat-toroq, eċċ.

5.21.3. Il-Kunsill qabel li l-proposta skont il-minuta preċedenti għandha tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss mal-Pulizija tal-Komunità.

**5.22.1. Attivitajiet marbuta mal-ġemellaġġ Mellieħa-Agia Napa** **(K/1/5/4)**

5.22.2. Il-Kunsillier E. Bartolo irrefera għal imejl datat 10 ta' Settembru 2024, fejn il-Kunsill Lokali ta' Agia Napa stieden delegazzjoni mill-Kunsill Lokali tal-Mellieħa sabiex tattendi għall-Festival Medjevali bejn is-16 u l-20 ta' Ottubru 2024. Huwa ppropona li għal din l-okkażjoni jattendu s-Sindku G. Micallef, il-Kunsillier J. Buttigieg, is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono, flimkien miegħu.

5.22.3. Il-Kunsill approva l-proposta skont il-minuta 5.22.1.

5.22.4. Is-Sur E. Bartolo ppropona wkoll li ċ-ċerimonja tal-ħmistax-il anniversarju mill-iffirmar tal-ġemellaġġ issir fil-Mellieħa fid-29 ta' Novembru 2024, filwaqt li f'Agia Napa ssir kmieni fl-2025. Il-post fejn ser isir is-serata jintgħażel bil-polża bejn is-sede tal-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina u dik tal-Għaqda Mużikali Imperial, peress li l-kommemorazzjoni ta' Cavriglia saret fis-sede tas-Società Filarmonica La Vittoria f'Jannar 2024.

5.22.5. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa skont il-minuta 5.22.3.

**5.23.1. Arranġamenti għall-Festi tal-Vitorja u tas-Santwarju (F/2/ Vol VII)**

5.23.2. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li f'dak li jirrigwarda lill-Pulizija l-arranġamenti ġew segwiti kif miftieħem, b'eċċezzjoni tal-Festa tas-Santwarju għaliex kien hemm assenza totali.. Huwa aċċenna wkoll li f'dak li jirrigwarda l-LESA mhux dejjem intbagħatu n-numru ta' uffiċjali mitluba, filwaqt li sa' l-aħħar minuta ma kienitx qed tingħata konferma li s-servizz ser jingħata jew le, minkejja li dan intalab diversi ġimgħat qabel. Minħabba dan, ma kienx hemm għażla oħra ħlief li jintalab servizz ta' uffiċjali tas-sigurtà privati biex joqgħodu mal-barrikati.

5.23.3. Is-Sur E. Bartolo qal li dan kien japplika wkoll fil-każ tal-uffiċjali ta' Transport Malta li ukoll kienu assenti, iżda meta ġie rrappurtat li kien hemm uffiċjali tas-sigurtà privati, dawn bagħtu ħames uffiċjali minn tagħhom.

5.23.4. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li għall-marċ tas-6 ta' Settembru ma kien hemm ebda uffiċjal tal-Pulizija fi Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq Franġisk Zaħra, u għalhekk bdew jgħaddu l-vetturi mal-bandisti.

5.23.5. Is-Sindku G. Micallef wieġeb li dakinhar il-Pulizija kienu fil-fatt preżenti, iżda ma kienux fl-aktar post li kienu meħtieġa.

**5.24.1. Konġestjoni tat-traffiku fi Triq il-Kbira u Triq Ġorġ Borg Olivier (T/3/3/Vol IV)**

5.24.2. Il-Kunsillier E. Bartolo għarraf li fl-4 ta' Settembru 2024 il-Kunsill ġie msejjaħ biex jattendi laqgħa tal-Kumitat għall-Immaniġġjar tat-Traffiku fi ħdan Transport Malta. Għall-istess laqgħa huwa kien akkumpanjat mis-Segretarju Eżekuttiv C. Debono. Iċ-Chairman staqsa dwar is-sitwazzjoni tat-traffiku fit-toroq imsemmija. Ġie spjegat li kienu nstallati numru ta' cameras bil-għan li jsir infurżar regolari ta' restrizzjonijiet li ilhom fis-seħħ, liema restrizzjonijiet kienu jiġu njorati peress li ma jsirux rondi regolari mill-uffiċjali tal-LESA. Intqal ukoll li tfassal pjan flimkien mad-Direttorat għat-Trasport bl-Art fi ħdan Transport Malta, li permezz tiegħu r-rotot tal-karozzi tal-linja inqasmu bejn it-toroq ewlenin li jgħaddu mill-qalba tal-Mellieħa u l-*Bypass*.

5.24.3. Is-Sur E. Bartolo kompla jgħid li l-Perit A. Testaferrata de Noto minn naħa ta' Transport Malta qalet li s-soluzzjoni għas-konġestjoni tat-traffiku fi Triq Ġorġ Borg Olivier hija li ssir *one-way* u jitneħħa l-ipparkjar kollu. Kien spjegat li din is-soluzzjoni ġiet studjata numru ta' snin qabel, iżda qatt ma ġiet implimentata għal diversi fatturi, fosthom li ma jeżistux toroq oħra adekwati li jieħdu traffiku fid-direzzjoni opposta. Sar aċċenn ukoll li fi Triq Ġorġ Borg Olivier hemm żewġ spiżeriji li għandhom kliniċi nkorporati fihom.

5.24.4. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono qal li r-rappreżentant tal-Kamra tal-SME's esprima l-oġġezzjoni tiegħu għas-soluzzjoni ndikata mill-Perit Testaferrata de Noto, għaliex din ikollha effett negattiv fuq in-negożji ta' Triq Ġorġ Borg Olivier

5.24.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti, filwaqt kkonferma l-pożizzjoni tiegħu fuq din il-materja..

**5.25.1. Studju dwar iż-żgħazagħ tal-lokalità (Z/1/Vol VI)**

5.25.2. Il-Kunsillier J. Cauchi għarraf li qiegħed f'kuntatt mad-Dipartiment tal-Istudji Komunitarji u l-Migrazzjoni fi ħdan l-Università ta' Malta sabiex l-istudenti li qed isegwu korsijiet fil-livell ta' masters, jiġu assenjati sabiex jiġbru data dwar materji li jolqtu lill-lokalità. Dan jista' isir b'diversi modi, inkluż *workshops*, kwestjonarji, eċċ tul il-perjodu bejn Ottubru u Mejju, meta huma jkunu jistgħu jutilizzaw is-siegħat ta' xogħol komunitarju li obbligati jagħtu bħala parti mill-kors tagħhom. Is-Sur Cauchi ssuġġerixxa li tintbagħat ittra lill-għaqdiet mhux governattivi li jeżistu fil-lokalità.

5.25.3. Il-Kunsill innota u approva l-inizjattiva skont il-minuti preċedenti.

**5.26.1. Ġbir ta' skart minn Triq Ġorġ Borg Olivier u Triq il-Kbira (C/6/Vol VIII)**

5.26.2. Il-Kunsillier J. Cauchi aċċenna li qed ikun hemm kumulu ta' skart fit-taraġ ta' Triq l-Isqof Pace, kantuniera ma' Triq Ġorġ Borg Olivier, li qed jagħti dehra lill-post u xi drabi anke jkun hemm irwejjaħ.

5.26.3. Il-Kunsillier K. Buttigieg ikkummenta li l-problema hija mifruxa mat-triq kollha u ġejja mill-fatt li l-ġbir qed isir qabel id-9:00am, meta l-parti l-kbira tal-ħwienet ikunu għadhom magħluqa. Minħabba din ir-raġuni hemm operaturi tal-ħwienet li qed joħorġu l-iskart wara li jgħalqu fil-jum ta' qabel. Huwa qal ukoll li hemm ħanut partikulari li anke ħareġ *bin-on-wheel* li ħallieħ fi Triq il-Mitħna l-Qadima.

5.26.4. Ittieħdet nota sabiex l-ilment jiġi mgħoddi lill-kuntrattur sabiex jirregola l-ħin, filwaqt li l-operatur tal-ħanut konċernat għandu jintalab ineħħi l-*bin* imsemmi.

**5.27.1. Faċilitajiet għall-ħatt u tagħbija fi Triq Ta' Masrija (T/3/2/Vol XVII)**

5.27.2. Il-Kunsillier J. Cauchi għarraf li huwa ġie avviċinat mill-operatur tal-ħanut "Bella Veduta" sabiex jingħata spazju għall-ħatt u tagħbija qrib l-istess ħanut, li jinsab fi Triq Ta' Masrija kantuniera ma' Triq ir-Riħan.

5.27.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li t-talba ma tistax tiġi milqugħa peress li mhemmx ħwienet oħra fil-qrib.

**5.28.1. Tindif fl-inħawi Tal-Prajjet (C/6/Vol VIII)**

5.28.2. Il-Kunsillier J. Cauchi ġibed l-attenzjoni li fil-parti fejn it-triq tal-Wied Ta' Rdum tmiss ma' Triq Tal-Prajjet hemm kumulu ta' skart li jeħtieġ jitnaddaf.

5.28.3. Ittieħdet nota sabiex dan l-ilment jiġi mgħaddi lill-kuntrattur konċernat u jsir *litter bin*.

**5.29.1. Użu ta' faċilitajiet sportivi fil-Park tal-Familja (S/4/1/5)**

5.29.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg għarraf li huwa flimkien mas-Sindku G. Micallef iltaqgħu ma' l-għaqdiet sportivi li jagħmlu użu mill-*multi-purpose court* sabiex tfassal orarju bil-għan li kulħadd ikollu ħin allokat għalih. Huwa qal li t-timijiet tal-basketball Mellieħa Tritons u Mellieħa Libertas issa ġew assorbiti mis-Selmun Sports Club.

5.29.3. Is-Sur K. Buttigieg qal ukoll li ma' l-istess għaqdiet qed tiġi diskussa l-possibiltà li ssir sports day fix-xahar ta' Diċembru 2024, li tkun tikkonsisti f'logħob ta' ħbiberija ta' basketball, netball, u volleyball, kif ukoll logħob ieħor fejn il-plejers jibdlu l-isports tagħhom.

5.29.4. Il-Kunsill innota u approva l-proposta skont il-minuta 5.29.3. aktar 'l fuq.

**5.30.1. Strutturi perikolużi fil-Fortizza ta' Campbell (P/5/2/Vol II)**

5.30.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li kiteb lill-Onor. S. Zrinzo Azzopardi – Ministru tal-Artijiet u Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali – dwar l-istat dilapidat tal-fortizza, bil-għan li jittieħdu miżuri ta' prekawzjoni ħalli l-pubbliku ma jkollux aċċess għall-partijiet l-aktar perikolużi.

5.30.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.31.1. Asfaltar ta' Triq it-Tabib Joseph Grech Attard (T/4/7/Vol III)**

5.31.2. Is-Sur G. Micallef għarraf li saret laqgħa fuq il-post mal-kuntrattur li ser ikun responsabbli mill-kostruzzjoni ta' Triq it-Tabib Joseph Grech Attard. Għall-istess laqgħa attendew ukoll is-

Segretarju Eżekuttiv C. Debono u l-uffiċjal M. Gambin. Il-kuntrattur ikkonferma li x-xogħol ser jibda fis-7 ta' Ottubru 2024.

5.31.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.32.1. Xogħlijiet meħtieġa fi Triq il-Peprin** **(T/4/7/Vol III)(E/1/3/Vol IV)**

5.32.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li saret laqgħa fuq il-post mal-Perit D. Massa minn Infrastructure Malta, il-Kunsillier E. Bartolo, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-uffiċjal M. Gambin. fejn kien hemm qbil l-iżviluppatur tal-blokka li għandha qed tinbena jkompli jifforma t-triq ta' quddiemu bil-għan li jiġi faċilitat l-aċċess, kif ukoll l-installazzjoni tad-dwal tat-triq. Dan ġie avviċinat u ser jagħmel ix-xogħol mitlub wara li ngħelbu intoppi li kien hemm mal-Awtorità tal-Ippjanar.

5.32.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

**5.33.1. Installazzjoni ta' dwal tat-toroq ġodda f'diversi toroq** **(E/1/3/Vol IV)**

5.33.2 Is-Sindku għarraf li saret laqgħa oħra fuq il-post mal-*contract managers* Galea Curmi Engineering Ltd u l-kuntrattur, dwar ċirkwiti ġodda tad-dwal tal-toroq fi Triq il-Peprin, Triq Edward Camillieri u fi Triq il-Barkazza.

5.33.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono spjega li l-proġett jinkludi wkoll ċirkwit ġdid fi Triq il-Kbira bejn Triq in-Naħal u r-*roundabout* ta' Selmun. Ser issir talba sabiex dawn kollha jsiru permezz ta' kofinanzjament taħt id-Development Planning Fund amministrat mill-Awtorità tal-Ippjanar.

5.32.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.34.1. Kuntratt MLC 1/2024 - Progett dwar titjib fis-Sala tal-Kunsill** **(P/10/40)**

5.34.2. Is-Sindku G. Micallef qal li saret laqgħa mal-kuntrattur responsabbli mill-proġett flimkien mal-perit inkarigat u l-*Manager* tal-Fondazzjoni Grupp Azzjoni tal-Majjistral bil-għan li jkun jista' jinbeda x-xogħol minħabba li sa Diċembru 2024 irid ikun tlesta kollox u jingħalqu l-proċeduri amministrattivi kollha. Laqgħat oħra huma ppjanati biex jiġu stabbiliti dettalji oħra dwar id-diversi aspetti tal-proġett ma' minn ikun ser iwettaqhom.

5.34.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.35.1. *Euromed International Sailing Championships*** **(S/6/Vol VI)(A/6/3/2/Vol 94)**

5.35.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li kellu laqgħa mal-President tal-*Malta Sailing Federation*, dwar l-avveniment imsemmi li ser jiżvolġi bejn id-19 u t-22 ta' Diċembru 2024 fil-Bajja tal-Mellieħa, bis-sehem ta' kompetituri minn diversi pajjizi. Sar appell sabiex il-Kunsill jissieħeb fl-organizzazzjoni ta' dan l-avveniment, kif ukoll jiġu eżentati mill-ħlas tal-permess li jeħtieġ jinħareġ mill-Kunsill.

5.35.3. Il-Kunsill iddeċieda li l-involviment tiegħu f'din il-kompetizzjoni m'għandux jaqbeż €400, kif ukoll ma' sabx oġġezzjoni li l-organizzaturi jiġu eżentati mill-ħlas marbut mal-permess.

**5.36.1. *Hillclimb* f'Dawret il-Mellieħa** **(S/6/Vol VI)(A/6/3/2/Vol 94)**

5.36.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li kellu laqgħa mad-diriġenti tal-Island Car Club li qed jorganizzaw hillclimb f'Dawret il-Mellieħa għal nhar il-Ħadd 20 ta' Ottubru 2024. Huwa qal li ma jarax li għandu jkun hemm oġġezzjoni għal dan l-avveniment sakemm jiġi żgurat li jkun hemm superviżjoni tat-traffiku fit-toroq ewlenin.

5.36.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg ġibed l-attenzjoni wkoll li jkun hemm superviżjoni fi Triq is-Santwarju, peress li parti sostanzjali tat-traffiku li jidħol mir-*roundabout* Ta' Pennellu jgħaddi minnha.

5.36.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.37.1. Stat tas-siġar fit-Telgħa ta' Selmun** **(A/3/Vol III)**

5.37.2. Is-Sindku G. Micallef ġibed l-attenzjoni li kompla l-kuntatti mal-Awtorità tar-Riżorsi u l-Ambjent dwar l-istat tas-siġar li jinsabu biswit il-kurva ta' fuq fit-Telgħa ta' Selmun, peress li dawn għandhom l-għeruq mikxufa u allura hemm il-periklu li jaqgħu bil-piż tagħhom stess, jew bl-effett tar-riħ. Huwa qed jinsisti li jkun hemm xi forma ta' lqugħ sabiex jilqa' meta jiġu ilmijiet tax-xita mid-direzzjoni ta' Selmun.

5.37.1. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li riċentement tneħħew siġar mejta minn Ambjent Malta u tħawwlu oħrajn ġodda.

5.37.2. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

**6.1. Kuntratt dwar is-servizz ta' tindif ta' toroq urbani** **(T/4/5/Vol IV)**

6.2. Qabel bdiet id-diskussjoni fuq dan is-suġġett, is-seduta ġiet sospiża sabiex ikun jista' isir intervent mis-Sur D. Hall mid-Diviżjoni tat-Tindif u l-Manutenzjoni. Is-Sur Hall aċċenna li l-Mellieħa kienet parti mill-proġett pilota, li d-Diviżjoni tgħallmet ħafna mill-andament tiegħu tant li issa ser isir il-pass li jmiss għaliex ser ikun hemm kunsill oħra li jagħmlu l-istess b'mod volontarju.

6.3. Huwa aċċenna li f'laqgħa li saret mas-Sindku G. Micallef u l-Viċi M. Borg Cuschieri aktar kmieni ġie stabbilit li n-numru ta' kenniesa għandu jitla' għal għaxra, li ser ikunu appoġġjati minn ħaddiema oħra, kemm waqt il-ħinijiet normali kif ukoll wara l-ħinijiet tax-xogħol. Kien spjegat li dawn il-ħaddiema jkunu jistgħu jingħataw il-qtugħ ta' ħaxix, u jittrattaw skart ieħor li ma jkunx jista' jneħħiħ kennies tar-rotta, jew tindif ieħor li jkun ta' natura urġenti. Kien spjegat li l-kenniesa tar-rotta mhux neċessarjament jaħdmu kollha minn filgħodu, għaliex sezzjoni minnhom jistgħu jitħaddmu wara nofsinhar jew filghaxija. Irrispettivament mil-leave tal-ħaddiema, in-numru tagħhom fil-lokalità ser jibqa' kostanti, peress li d-Diviżjoni għandha riżerva minn fejn tista' tieħu biex tagħmel tajjeb għal ħaddiema li jkunu bil-leave.

6.4. Is-Sur D. Hall irrefera wkoll għaż-żewġ *mechnical sweepers* li d-Diviżjoni diġa allokat b'mod permanent fil-lokalità. Dawn is-*sweepers* anke għandhom il-kapaċità li jaħslu t-toroq li jindika l-Kunsill. Dan is-servizz diġa nbeda għaliex nhar ta' Tlieta qed jinħaslu toroq fiż-żona tal-Għadira, nhar t-Erbgħa it-toroq fiċ-ċentru tal-Mellieħa, u nhar ta' Ħamis ingħata qrib l-Iskola Primarja jew f'Santa Marija Estate. Dan kien parti mill-proġett pilota bi tħejjija għas-sajf 2025. Id-Diviżjoni lesta tipprovdi *bins-on-wheels* fl-attivitajiet kollha tal-Kunsill li jitbattlu minn nies tagħha, inkluż fil-festi titulari.

6.5. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono staqsa jekk il-ħaddiema humiex ser jingħataw xogħol marbut mat-tindif tax-xtut waqt li jkunu assenjati mal-Kunsill. Is-Sur Hall wieħed li l-għaxar ħaddiema ser ikunu ddedikati għall-Kunsill biss, filwaqt li jkollhom *supervisor* li jiltaqgħa regolari mar-rappreżentanti tal-Kunsill fil-preżenza tiegħu.

6.6. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar staqsiet kemm ser ikun it-terminu tal-ftehim. Is-Sur D. Hall wieġeb li meta wieħed iqis l-investiment li sar fil-makkinarju u l-inġaġġ tal-ħaddiema, ma jkunx vijabbli li l-ftehim ikun inqas minn ħames snin. Huwa qal li dan il-punt tqajjem ukoll fil-laqgħat li saret mas-Sindku u l-Viċi Sindku.

6.7. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono staqsa dwar kemm ser ikun jiswa dan is-servizz fuq medda ta' ħames. Is-Sur D. Hall wieġeb li l-ħlas ser ikun qed jiġi bbażat fuq l-ammont ta' ħaddiema li ser jiġu assenjati (għaxra), bl-esklużjoni tas-*supervisor* li ser tagħmel tajjeb għaliħ id-Diviżjoni. Ir-rata ser tibqa' fissa tul il-ħames snin tal-ftehim, u titħallas kull tliet xhur.

6.8. Il-Kunsillier J. Buttigieg staqsa x'jiġri jekk xi ħadd ikun irid jinħall mill-ftehim. Is-Sur D. Hall qal li l-abbozz tal-ftehim jitkellem ċar dwar dan, u wieħed jista' jinħall minnu sakemm ikun hemm ġustifikazzjoni soda.

6.9. Fi tmiem l-intervent tiegħu is-Sur D. Hall qal li l-ħaddiema assenjati fuq għall-Mellieħa diġa ġew magħżula u hemm kollox lest biex is-servizz jibda minn Novembru 2024, kemm-il darba l-Kunsill jiffirma l-ftehim.

6.10. Fit-tkomplija tas-seduta l-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri stqarr li wara l-laqgħa li huwa kellu mas-Sur Hall fl-uffiċini tagħhom Ħal Luqa, jidher li għandhom is-*setup* meħtieġ biex jirrendu s-servizz mixtieq. Kompla jgħid li minn naħa tiegħu l-Kunsill għandu jara li jkollu *Contract Manager* li jissalvagwarda l-interessi tiegħu.

6.11. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li l-esperjenza wriet li anke l-*Contracts Managers per se'* jkunu jeħtieġu monitoraġġ fuq is-servizz li joffru. Servizz ta' din in-natura jkunu r-residenti stess li jagħtu l-*feedback* fuq l-andament tiegħu. Huwa qal li bl-investiment li sar huwa minnu li terminu inqas minn ħames snin mhuwiex vijabbli għad-Diviżjoni. Id-dedikazzjoni stretta tal-għaxar ħaddiema fuq ix-xogħol tat-tindif f'toroq urbani hija fattur importanti ħafna. Is-Sur E. Bartolo stqarr li minn kif jidhru l-affarijiet, kif ukoll it-titjib li kien hemm fis-servizz fl-aħħar xhur, ikun tajjeb li l-Kunsill imur għal dan il-ftehim.

6.12. Il-Kunsilliera C. Castillo kkummentat li l-Kunsill għandu jidħol għal dan il-ftehim għaliex jidher li fiħ hemm is-salvagwardi meħtieġa, inkluż dik li jinħall minnu f'każ ta' nuqqasijiet serji minn naħa tad-Diviżjoni.

6.13. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li hija kienet dejjem tal-fehma li n-numru ta' kenniesa fil-kuntratt tal-qabel il-proġett pilota mad-Diviżjoni ma kienx adekwat. Hija qalet ukoll li d-Diviżjoni hija attrezzata biżżejjed mil-lat ta' ħaddiema u makkinarju biex tirrispondi għall-ħtiġijiet tal-lokalità kif kien evidenti mill-proġett pilota.

6.14. Is-Sindku G. Micallef ikkummenta li l-andament tas-servizz mogħti inizjalment mid-Diviżjoni ma kienx wieħed adekwat, għar-raġuni li lanqas kien hemm linja ta' komunikazzjoni tajba ma' min huwa f'pożizzjoni li seta jtejbu, anżi kien irriżulta f'diżgwid. Hekk kif intgħelbet din il-problema, is-servizz tjieb sostanzjalment.

6.15. Fid-dawl tad-diskussjoni t'hawn fuq il-Kunsill qabel li jkompli jmexxi għall-ftehim, wara li jkollu rispons uffiċjali tad-Diviżjoni dwar l-abbozz mgħoddi mill-Kunsill.

## 7.1. PA 5632/24 – Pjan ħollistiku dwar it-tqegħid ta' imwejjed u siġġijiet f'Misraħ il-Parroċċa (T/4/10/Vol III)

7.2. Is-Sindku G. Micallef irrefera għal-laqgħa ta' konsultazzjoni pubblika li saret fit-23 ta' Settembru 2024, kif ukoll għar-rappreżentazzjoni li saret mal-Awtorità tal-Ippjanar fl-ispirtu tad-diskussjoni li kien hemm fis-seduta preċedenti, kif ukoll fl-istess laqgħa ta' konsultazzjoni. Ir-rappreżentazzjoni li saret tqis li l-introduzzjoni ta' pjan ħollistiku huwa pass fid-direzzjoni t-tajba, peress li n-nuqqas tiegħu se jwassal biss lill-awtoritajiet kompetenti biex jikkunsidraw applikazzjonijiet individwali fuq bażi, mingħajr ebda konsiderazzjoni għaċ-ċirkostanzi kollha tal-misraħ.

7.3. Intqal ukoll li l-estensjoni tal-attività kummerċjali mill-operaturi tal-bars u l-istabbilimenti tal-*catering* irriżultat minn diversi fatturi. Dawn ivarjaw mill-introduzzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar it-tipjip, Covid-19, u l-popolarità tax-xorb u l-ikel fil-beraħ minħabba t-temp Mediterranju jippermetti. Dawn il-fatturi m'għandhomx jiġu injorati u jitqiesu bħala attività ta' divertiment popolari ħafna, li hija wkoll aċċettabbli f'pajjiżi oħra, sakemm tkun regolata skont kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti skont l-eżiġenzi li jitlob il-post, u t-tradizzjonijiet li evolvew maż-żmien. L-allokazzjoni tal-ispazji m'għandhiex twassal għal diskriminazzjoni bejn is-sidien tal-proprjetà.

7.4. F'dan il-kuntest, il-pjan ġenerali għandu jfittex li jirrikonoxxi dawn iċ-ċirkostanzi u jintroduċi salvagwardji biex jintlaħaq bilanċ bejn il-parametri kollha involuti, permezz tal-miżuri li ġejjin:

(a) L-ebda għamara ma għandha taqbeż lil'hinn mill-faċċata tal-bini tal-applikanti;

(b) Il-bankina bejn l-istabbiliment u ż-żona permessa għandha titħalla ħielsa u mingħajr xkiel għall-użu pedonali;

(c) Il-fond tal-ispazju allokat m'għandux jaqbeż it-3.0 metri madwar id-dawra il-pjazza kollha, meta dan jitkejjel mit-tarf tal-bankina. Tali wisa' għandha tinżamm tul il-perimetru kollu tal-pjazza, minbarra n-naħa taż-zuntier tal-knisja, turġien pubbliċi, quddiem Triq il-Madonna tal-Għar, il-Beleveder tas-Sur, u l-parkeġġi kollha eżistenti riservati għal persuni b'diżabilità. Miżura bħal din hija maħsuba biex ikun hemm spazzju għall-pubbliku waqt avvenimenti popolari, li ma jkunux jirrikjedu tneħħija ta' għamara minn quddiem stabbilimenti;

(d) It-tqegħid ta' qsari li jiddelinejaw l-ispazju allokat, għandu jsir strettament fiż-żona permessa;

(e) L-umbrelel għandhom ikunu ta' kulur approvat u mingħajr ebda reklami. Dawn m'għandhomx jiġu kkonvertiti f'tined biex joffru kenn waqt ix-xita;

(f) Il-Kunsill, jirriserva d-dritt li jneħħi kull għamara għal raġunijiet ta' sigurtà u f'okkażjonijiet speċjali, kif jista' jintalab lill-awtoritajiet kompetenti;

(g) Operaturi m'għandhomx jitħallew jiċċaqilqu għal żoni oħra, meta mitluba mill-awtoritajiet kompetenti biex ineħħu l-għamara tagħhom minn żoni permessi f'okkażjonijiet speċjali;

(h) Għandu jinżamm is-setup tradizzjoni tal-festa fil-pjazza, u għalhekk għandhom jinżammu t-toqob tal-arbli kollha disponibbli fil-pavimentar maħsuba għat-twaħħil ta' arbli u pedestalli tal-istatwa;

(i) L-ebda għamara li ma tkunx qed tintuża m'għandha titħalla barra l-istabbiliment f'każ ta' għeluq għal żmien twil, jew meta l-għamara titneħħa temporanjament f'okkażjonijiet speċjali;

(j) Pjattaformi elevati għandhom jiġu evitati. Madankollu, marki fiżiċi għandhom jitwaħħlu fil-periferija ta' kull spazju allokat sabiex kwalunkwe ksur mill-operaturi jkun evidenti malajr għall-pubbliku; u

(k) Tqegħid ta' mwejjed fuq il-parapett jista' jiġi kkunsidrat tul il-faċċata tal-istabbiliment, sakemm l-erja tagħhom ma taqbiżx metru kwadru (1), b'żewġ (2) siġġijiet kull wieħed.

7.4. Kien spjegat ukoll li fid-dawl tal-impenn min-naħa tal-Kunsill Lokali għandu jkun attur ewlieni fl-ipproċessar ta' tali applikazzjonijiet. L-istatus tal-Kunsill għandu jiġi elevat għal dak ta' konsulent ewlieni, fuq l-istess livell tal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu u l-Awtorità tal-Artijiet. Sfortunatament, dan ma kienx il-każ meta l-*Policy, Guidance and Standards for Outdoor Catering Areas on Public Open Space* ġew introdotti lura fl-2016, meta l-Kunsilli Lokali tħallew barra, minkejja r-rabta mal-komunitajiet tagħhom.

7.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg osserva li għal laqgħa ta' konsultazzjoni ma kienx hemm sidien/operaturi ta' stabbilimenti, kif ukoll l-għaqdiet li jużaw Misraħ il-Parroċċa, bl-eċċezzjoni tal-Għaqda Mużikali Imperial. Huwa qal li kien ikun xieraq li ġew mistiedna uffiċjali mill-Awtorità tal-Artijiet u mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali.

7.6. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

**8.1. PA 0371/24 – Żvilupp ta' sit konfinanti minn Triq il-Miġbħa, Triq is-Sagħtar, u Wesgħat in-Narċis** **(P/5/1/Vol IV)(P/5/8/M)**

8.2. Saret referenza għall-applikazzjoni msemmija li tinvolvi skavar tas-sit imsemmi, bini ta' 171 garaxx fuq żewġ livelli taħt it-triq għall-karozzi privati, bini ta' 23 unit residenzjali fl-ewwel, it-tieni u t-tielet sular, flimkien ma' 17-il *penthouse* fis-sular ta' fuq, li ser jkun itirat mill-

faċċata. Dan l-iżvilupp għandu jkun regolat mal-*policy* NWML2 tal-Pjan Lokali, kif emendata permezz tal-PC 0053/23.

8.3. Il-Kunsill ġie mfakkar li PC 0053/23 ġiet diskussa fis-Seduta Nru. 56 tal-31 ta' Ottubru 2023 meta kien ġie deċiż li ssir rappreżentazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar fis-sens li:

(a) L-għoli tat-tliet blokki proposti ma jaqbiżx dak tal-bini eżistenti fiż-żona tal-madwar, kif stabbilit fil-*policy* NWUS5 tal-Pjan Lokali;

(b) Żona B, għandha titħalla fl-istat attwali ta' xagħra, mingħajr ebda intervent;

(ċ) Il-*penthouses* għandhom ikunu rtirati fuq il-ġnub kollha ta' kull blokka, jiġifieri inklużi l-faċċati li jagħtu fuq iż-żewġ spazji bejn it-tliet blokok proposti;

(d) L-ispazji bejn il-blokki proposti għandhom ikunu aċċessibbli biss għall-persuni mexjin, u għalhekk għandhom jiġu mblukkati mill-ġnub ta' Triq is-Sagħtar u Triq il-Miġħa;

(e) L-inklużjoni tal-bejgħ bl-imnut (Klassi 4 – Ordni tal-Klassijiet tal-Użu 1994) għandha tiġi evitata sabiex jittaffa l-impatt mill-aspett tal-parkeġġ u tat-traffiku tal-vetturi; u

(f) Il-ħlas taħt il-*Commuted Parking Scheme* m'għandux jintalab mill-Awtorità tal-Ippjanar f'dan il-każ, sakemm l-iżviluppatur jipprovdut spazju adegwat bħala parti minn dan il-proġett..

(g) Il-punti (a) - (f) hawn fuq qed jitqajmu mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-*policies* NWML2 u NWUS5 tal-Pjan Lokali tal-Majjistral u linji gwida applikabbli oħra.

8.4. Billi kien hemm residenti u persuna oħra preżenti fil-kamra li attendew biex isegwu d-diskussjoni, kien hemm qbil li s-seduta għandha tiġi sospiza għal ftit tal-ħin sabiex jingħataw l-opportunità jsemmgħu leħinhom dwar l-iżvilupp propost.

8.5. Il-Kunsillieri J. Buttigieg aċċenna li l-art in kwistjoni ilha fl-iskema tal-iżvilupp sa qabel daħal fis-seħħ il-Pjan Lokali fl-2006. Kompla jgħid li fl-ipproċessar tal-applikazzjoni da parti tal-Awtorità tal-Ippjanar ċertament li ser jittieħdu in konsiderazzjoni *policies* li hemm fis-seħħ, u allura l-Kunsill għandu jara li dawn jiġu osservati b'mod rigoruż u ma jiġux interpretati b'mod li jiffavorixxi lill-iżviluppatur. Għadaqstant, konsiderazzjoni oħra għandhom jiġu trattati fuq livell ieħor.

8.6. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar stqarret li hija taqbel mal-punti mressqa mill-Kunsillier J. Buttigieg fil-minuta preċedenti u żiedet li fil-passat l-istess art kienet indikata għal skop industrijali.

8.7. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri kkummenta li l-Kunsill għandu jara li ma tintilifx l-opportunità li jiġi salvat dan l-ispazju, għaliex l-izvilupp propost huwa wieħed intensiv u ser ikompli jsaħħaħ il-perċezzjoni dwar l-insensittività tal-Awtorità tal-Ippjanar lejn il-kwalità tal-ħajja tar-residenti f'żoni urbani. Huwa qal ukoll li wieħed irid iqis il-piż li dan l-iżvilupp ser ikompli jgħabbi  l-infrastruttura tas-servizzi eżistenti, bħala huma l-elettriku, ilma, u d-drenaġġ.

8.8. Is-Sindku G. Micallef qal li ġustament hemm oppożizzjoni pubblika qawwija għal dan l-iżvilupp għaliex dan jhedded it-tessut ambjentali, soċjali u urban tal- madwar u għalhekk għandha tinġibed l-attenzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar dwar dan it-tħassib fl-ipproċessar tal-applikazzjoni Huwa kompla jgħid li għalkemm il-*policies* fis-seħħ huma dawk li huma, u dawn għandhom jiġu aġġornati peress li ilhom skaduti u ċertament ma jirriflettux l-esiġenzi attwali. Is-Sur G. Micallef qal li huwa nfurmat li ser issir konferenza stampa fuq il-post fil-5 ta' Ottubru 2024.

8.9. Il-Kunsillier E. Bartolo kkummenta li l-Pjan Lokali suppost li ġie rivedut darbtejn mill-2006 u għalhekk iċ-ċirkostanzi attwali jirrenduħ irrelevanti f'ċerti aspetti. Huwa qal li kien hemm istanzi fejn il-Pjan Lokali u *policies* oħra ġew mibdula u bħala eżempju semma l-*height relaxation* fir-rigward tal-lukandi u bini residenzjali.

8.10. Il-Kunsilliera L. Darmanin kkummentat li l-art għandha tibqa' pubblika

8.11. Il-Kunsillier J. Cauchi qal li għandha tinġibed l-attenzjoni li l-iżvilupp propost ikun regolat strettament mal-*policies* fis-seħħ.

8.12. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li għandu jittieħed parir professjonali mingħand perit u avukat dwar il-kriterji li għandhom jirregolaw l-iżvilupp propost.

8.13. Fit-tkomplija tad-diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandha ssir oġġezzjoni għall-proġett li tkun imsejsa fuq il-fatturi li ġejjin:

(a) L-iżvilupp propost ser iħalli impatt negattiv fl-estetika tal-post.

(b) Id-densità tal-iżvilupp propost hija inkonsistenti mal-bini tal-madwar.

(c) L-iżvilupp imur kontra l-ispirtu ta' *policies* fis-seħħ li jħarsu wesgħat pubbliċi u tnaqqis tat-traffiku f'żoni urbani sensittivi.

(d) Il-kwalità tal-ħajja tar-residenti ser tiġi affettwata minħabba konġestjoni akbar, tnaqqas ta' sigurtà, tniġġis tal-arja u tal-istorbju u ħsejjes, kif ukoll il-ħtieġa għal aktar spazji għall-parkeġġ.

(e) Iċ-ċirkolazzjoni tat-traffiku fiż-żona ta' Mellieħa Heights diġà hija ristretta minn/għal Triq il-Kbira. Bl-iżvilupp propost ser tiżdied il-pressjoni fuq il-*junction* ta' Triq l-Għoljiet, Triq in-Naħal, Triq l-Etna u Triq il-Kbira.

(f) Mhux ċar biżżejjed x'jfisser it-terminu "żvilupp komprensiv" fis-sens jekk dan huwiex fl-interess tal-komunità jew l-iżviluppatur.

**9.1. Intervisti ta' persuni li applikaw għall-post ta' skrivan fi Skala 15** **(P/7/1/Vol IX)**

9.2. Is-Sindku G. Micallef fakkar li wara sejħa li saret fil-media soċjali dwar inġaġġ ta' skrivan, irrispondew 17-il persuna li bgħatu l-*curriculum vita* tagħhom, filwaqt li kien hemm disa' biss li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolamenti dwar Riżorsi Umani (Gvern Lokali). Huwa ppropona li dawn jiġu ntervistati fl-ewwel opportunità possibbli minn Bord tal-Għażla.

9.3. Il-Kunsill qabel li l-kandidati eliġibbli għandhom jiġu ntervistati minn Bord tal-Għażla kompost mis-Sindku G. Micallef, il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri, il-Kunsillieri J. Buttigieg u E. Bartolo, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv C. Debono, u l-uffiċjal M. Gambin.

**10.1. Assenjazzjoni ta' responsabilitajiet lill-Kunsillieri** **(K/2/Vol III)**

10.2. Is-Sindku G. Micallef aċċenna għal-laqgħat li huwa kellu ma kull membru tal-Kunsill dwar ir-responsabilitajiet li huwa assenjalhom. Sabiex dawn jiġu reġistrati formalment huwa ppreżenta l-iskeda segwenti:

| | |
|---|---|
| Gabriel Micallef - Sindku | **Finanzi; Progetti Kapitali Ippjanar; Attivitajiet Popolari; Kultura;**<br><br>Finanzi; *By-Laws*; Attivitajiet Popolari; Uffiċċju Amministrattiv; Amministrazzjoni u mpjegati tal-Kunsill; Manikata, Ghadira Selmun; Informazzjoni u Konsultazzjoni Pubblika; Membru Kumitat dwar l-Evalwazzjoni tal-offerti ; Pjan ta' Ħidma; Permessi tal-Awtorità tal-Ippjanar; Relazzjonijiet Pubbliċi; Chairman fuq il-Kumitat ta' Rakkomandazzjoni dwar l-Għoti ta' Onorefiċenzi, Proġetti Kapitali, Project Manager; Rapprezentant Kumitat Reġjonali tat-Trammuntana, Jum il-Kunsill |
| Matthew Borg Cuschieri – Viċi Sindku | **Ambjent: Indafa; Saħħa Mentali**<br><br>Żoni ta' Rikrejazzjoni fil-Kampanja; Giren; Afforestazzjoni u Gonna pubblici; Kampanji ta' Tindif; Tindif ta' Toroq Rurali u Urbani; Ħitan tas-Sejjieħ, Gbir ta' Skart; *Bring-In Sites*; Latrini Pubbliċi; Relazzjoni m'entitajiet ambjentali, Siti Natura 2000, Membru fuq il-Kumitat ta' Rakkomandazzjoni dwar l-Għoti ta' Onorefiċenzi, Mentali, Sostitut Kumitat Reġjonali (Delega fin-nuqqas tas-Sindku) Membru Kumitat dwar l-Evalwazzjoni tal-offerti |
| Corinne Castillo | **Kommunità Kummerċjali, Turizmu**<br><br>Programmi tal-Unjoni Ewropea, Progetti iffinanzjati minn Fondi Ewropej;Rappreżentant Grupp Azzjoni Majjistral, Kommunità Kummerċjali li tinkludi l-lukandi; Devoluzzjoni Proprjetà u siti ezistenti devoluti lill-kunsill; Koperazzjoni ma' l-Ghaqdiet; Nicec godda ta' turizmu fil-lokalita, IT, Tahrig tal-haddiema li jmissu mal-qasam turistiku, Riklamar tal-lokalita bhala destinazzjoni popolari Membru Kumitat dwar l-Evalwazzjoni tal-offerti |
| John Buttigieg | **Wirt Storiku, Trasport**<br><br>Mollijiet u Skallijiet, Konservazzjoni tal-Wirt Storiku; *Heritage Trail* ta' Selmun u Imgiebah, Membru fuq il-Kumitat ta' Rakkomandazzjoni dwar l-Għoti ta' Onorefiċenzi, Vetturi Abbandunati, Trasport Pubbliku, Rappreżentant fuq il-bord tal-Park tal-Majjistral, Membru Kumitat ad hoc Triq Borg Oliver, Membru Kumitat dwar l-Evalwazzjoni tal-offerti. |
| Rebecca Bartolo Cutajar | **Harsien tal-Annimali, Żoni KostaliInnovazzjoni**<br><br>Innovazzjoni, Ħarsien tal-annimali, Aċċess u Sigurtà fil-Bajjiet; Tindif tax-Xtut; Tisbieħ ta' Turġien, Kollaborazzjoni mac-Cirkewwa Marine Park, Kollaborazzjoni m'NGOs tal-annimali, Tismija ta Toroq u Numri tal-Bibien *(Rebranding)* |

| | |
|---|---|
| Emvin Bartolo | **Traffiku u Żamma tal-Ordni, Gemelaġġi, Servizzi Essenzjali**<br><br>Gemelaggi, Membru fuq il-Kumitat ta' Rakkomandazzjoni dwar l-Għoti ta' Onorefiċenzi, Servizzi tal-Elettriku; Ilma; Drenaġġ;; Ghassa tal-pulizija, Materji li Jinvolvu il-Pulizija, Permessi ta' Attivitajiet; Membru Kumitat dwar l-Evalwazzjoni tal-Offerti; Kordinazzjoni tal-Festi Reliġjużi; Infurzar tal-Liġi. Chairman Kumitat *ad hoc* Triq Ġorġ Borg Olivier, Immanigjar tat-Traffiku; Reklamar fuq l- Għamara tat-Toroq; |
| Kurt Buttigieg | **Sports; u Attivitajiet Fiżici**<br><br>Użu ta' facilitajiet Sportivi; Attivitajiet Sportivi u Fiżiċi |
| Jude Cauchi | **Integrazzjoni Soċjali, Żgħażagħ;**<br><br>Programmi taż-Żgħażagħ; Żgħażagħ; Integrazzjoni Soċjali; Emigranti |
| Loridana Darmanin | **Edukazzjoni; Qasam Soċjali; Tfal u Anzjani**<br><br>Pubblikazzjonijiet Hannieqa Kotba Mellihin; Jum it-Tfal; Magazin tal-Kunsill; Rappreżentant EDEN; Programmi Edukattivi; Fora Edukattiva; Korsijiet; Skola; Librerija Pubblika; Fiera tal-Ktieb; Kuntatt mal-Kunsill Skolastiku. Ħarġiet Kulturali; Żvilupp u Għajnuna Soċjali; Saħħa Pubblika ; L-Anzjani (Day centre) u Persuni b Diżabilità; Avvanz tal- mara; il-berġa; Cimiterji ; il-Familja; Tfal; Night Shelter |

10.3. Il-Kunsill innota d-dettalji tar-responsabilitajiet kollha kif assenjati mis-Sindku.

## 11.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

11.2. Ġiet imressqa Skeda ta' Akkwist ta' Servizzi u Materjal datata 27 ta' Settembru 2024.

11.3. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri l-perjodu bejn it-3 ta' Awwissu u s-27 ta' Settembru 2024.

11.4. Ġew imressqa żewġ skedi ta' Infieq permezz tal-*petty cash* li jkopru bejn il-5 ta' Lulju u d-9 ta' Awwissu 2024. u bejn l-10 ta' Awwissu u s-27 ta' Settembru 2024.

11.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg iddikjara li huwa qed jastjeni mid-deċiżjoni dwar il-pagamenti 032-08-24 u 033-08-24, fid-dawl tal-kummenti li huwa għamel skont il-minuta 7.2 tas-seduta 3B tas-27 ta' Awwissu 2024.

11.6. -Kunsill approva l-iskedi kollha mressqa, u kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://melliehalc.gov.mt/skeda-ta-hlasijiet/

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn il-membri kollha s-seduta spiċċat fil-10:50 pm, u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 29 ta' Ottubru 2024 fil-5:30 pm.

| | |
|---|---|
| Gabriel Micallef | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |